**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Josette Demicoli LL.D.**

**Muscat Sylvia (KI 0566855M)**

**vs**

**Joseph Cauchi ( KI 15266M)**

**Rikors Guramentat Numru: 91/2018JD**

Illum 13 ta' Mejju 2019,

**Il-Bord,**

Ra r-rikors ta' Sylvia Muscat datat 3 ta' Lulju 2018 li permezz tieghu tesponi bir-rispett u bil- gurament taghha tikkonferma:

1. Illi preliminarjament r-rikorrenti qeghda tidher ghan-nom u in rapprezentanza ta' ommha Maria Concetta Caruana KI 684830(M) u dan kif debitament awtorrizata permezz ta' prokura specjali, liema kopja tal-prokura specjali  qed tigi annessa u mmarkata bhala Dok 'A';

2. Illi Maria Concetta hija propjetarja tal-fond bin-numru 3 Triq Cameron Paola, liema propjeta' hija kienet wirtet minn ghand ommha in forza ta' testament datat 26 ta' Marzu 1953 fl-atti tan-Nutar Dottor Carmelo Biuseppe Vella liema kopja qedgha tigi annessa u mmarkata bhala 'Dok 'B';

3. Illi tali fond kien mikri lil Joseph Cauchi versu l-kera ta' €240 fis-sena – jithallas fl-ammont ta' Euro 120 kull sitt xhur bil-quddiem;

4. Illi hija tixtieq illi tirriprendi l-pussess tal-fond fuq indikat stante illi:

i. Joseph Cauchi huwa moruz fil-hlas tal-kera mis-sena 2016/2017/2018;

ii. Ir-rikorrenti ghandha bzonn il-fond ghall-htigijiet taghha personali;

iii. L-intimat halla illi ssir hsara fl-istess fond u dan billi telaq l-istess fond fi stat ta’ abbandun u zdingat;

iv. Huwa m’ghadux jirresjedi gewwa l-fond u li qieghed jirresjedi x’imkien iehor, li mhux maghruf mill-esponenti.

5. Illi l-intimat ghalkemm gie interpellat ai fini u effetti kollha tal-ligi permezz ta’ ittra legali u ittra ufficjali sabiex jizgombra minn gewwa l-fond u jirritorna c-cwievet huwa baqa’ inadempjenti (Dok C);

6. Illi di piu l-intimat qieghed izomm l-istess fond maghluq bi pregudizzju ghal esponenti stante illi huwa m’huwiex qed jabita fl-istess fond izda jirresjedi x’imkien iehor;

7. Illi dawn in –nuqqasijiet da parte tal-intimat jikkonstitwixxu ragunijiet validi fil-ligi sabiex ir-rikorrenti tirriprendi l-pussess tal-fond mghoddi lil-konvenuta b’kera kif aktar ‘l fuq indikat.

Illi r–rikorrenti taf d’dawn il-fatti personalment;

Illi sa fejn taf ir-rikorrenti, l-konvenut m’ghandhux difiza x’jaghti kontra t–talba tar-rikorrenti u b’dan il-Bord, jista jghaddi ghad-decizjoni b’dispensa mis-smigh tal- Kawza.

Ghaldaqstant, r-rikorrenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Bord, sabiex prevja kull dikjarazzjoni opportuna:

i.jisma din il-kawza b’dispensa mis-smigh tal-provi u dan ai termini tal-artikolu 16A tal-Kap 69 Tal-Ligijiet ta’ Malta u

ii. Jordna r-ripreza tal-fond u l-konsegwenti zgumbrament tal-konvenut mill-imsemmi fond ghar-ragunijiet infraskritti u dan f'terminu qasir u perentorju u jipprefiggi dan l-Onorabbli Bord.

Bl-Ispejjez kontra l-konvenut.

Ra li l-intimat gie debitament notifikat u li ma deherx fis-seduta tallum sabiex jikkontesta b'xi mod it-talbiet tar-rikorrenti jew altrimenti l-irregolarita' tal-procedura adottata.

Sema' x-xhieda tar-rikorrenti.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

**Ikkunsidra**

Illi l-intimat jikri l-fond inkwistjoni minghand Maria Concetta Caruana, biss pero' rrizulta li ghalkemm debitament interpellat naqas li jhallas il-kera puntwalment u abbanduna l-fond. Biss pero' jirrizulta li huwa ghadu registrat li jirrisjedi fl-istess fond, izda Sylvia Muscat xehdet li saret taf mill-girien li huwa telaq u f'xi zmien il-fond gie okkupat minn *squatter.*

L-intimat ma deherx biex jikkontesta t-talbiet tar-rikorrenti.

Ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti se jintlqghu.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, dan il-Bord jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u inkwantu ghat-tieni talba jiprefiggi terminu perentorju ta' xahar millum.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**Dr Josette Demicoli**
**Magistrat**

**Cora Azzopardi**
**Deputat Registratur**